## Min ahna?

Ricerkaturi prominenti u tobba esperti li qed jinkoraggixxu ricerka u jgibu 'il quddiem il-kura tal-Irritable Bowel Syndrome - (IBS) minn hafna pajjizi ta' l-Ewropa, iffurmaw ghaqda internazzjonali li hija sostenuta mill- *European Society of Neurogastroenterology and Motility* (ESNM).

## X'inhi IBS?

IBS hija komuni hafna, u taffetwa 10-15% tal-popolazzjoni. L-iktar sintomi komuni tal-IBS huma 'cramps', ugiegh ta' zaqq, sensazzjoni ta' nefha fiz-zaqq, u gass u bdil fl-ippurgar – jew ippurgar mahlul u sikwit, jew ippurgar iebes u mhux sikwit, jew tahlita tat-tnejn. Spiss ikun hemm ukoll element ta' ansjeta' u 'depression', kif ukoll sindromi ta' ugiegh u ghejja (Figura 1). Attwalment id-dijanjozi tal-IBS hija purament klinika u ibbazata fuq sett ta' sintomi specifici. Madankollu, pazjenti ripetutament jghaddu minn testijiet differenti li huma hafna drabi invasivi u ma juru l-ebda rizultat hazin, ezitu frustranti hafna kemm ghall-pazjenti u kemm ghat-tobba.




**Figura 1.** 40-80% ta' pazjenti bl-IBS ghandhom wahda jew iktar minn dawn il-problemi: problemi psikjatrici (ansjeta' u depression), ghejja kronika jew kundizzjonijiet ta' ugiegh (emikranja, fibromyalgia)

## X'inhuma l-mekkanizmi attwalment maghrufa li huma involuti fl-IBS?

Il-fatturi attwalment mahsuba li huma involuti fl-IBS jinkludu: genetika, mikrobi fis-sistema digestiva, stil tal-hajja, stress u fatturi ohra psikologici, infezzjonijiet tas-sistema digestiva, fatturi fl-ambjent u l-ikel li jittiekel (Figura 2). F'dawn l-ahhar ftit snin, gew osservati fatturi ohra: problemi fil-komunikazzjoni bejn il-'mohh iz-zghir' tas-sistema digestiva u l-mohh (*gut-brain axis*), problemi fil-funzjoni tac-celloli nervuzi fis-sistema digestiva u fil-mohh, problemi fl-inforra tas-sistema digestiva ('*leaky gut*') u problemi fis-sistema immunitarja tas-sistema digestiva. Madankollu, liema huma l-kawzi u liema l-konsegwenzi mhumiex maghrufa kompletament.

EUROPEAN COOPERATION IN SCIENCE & TECHNOLOGY

Funded by the Horizon 2020 Framework Programme of the European Union




**Figura 2.** Il-fatturi li jinfluwenzaw l-izvilupp tas-sinjali ta' l-IBS: stil ta' hajja: dieta/tipjip, infezzjonijiet mill-mikrobi, stress/trawma, is-sess femminili, genetika

## X'hemm bzonn isir malajr fl-IBS?

IBS hija kundizzjoni kronika li ghandha bzonn kura fit-tul. Madankollu, hafna mit-trattamenti attwali uzati fl-IBS mhumiex effettivi. Il-kawzi tal-IBS mhumiex kompletament maghrufa, imma huma probabbilment kumplessi, fatt li jispjega ghaliex certu pazjenti ma jirrispondux ghall-ebda trattament. Zgur li jekk nifhmu iktar il-kawzi wara l-IBS, dan jghin biex jigu zviluppati trattamenti ahjar u jitnaqqsu in-numru ta' testijiet invasivi li pazjenti bl-IBS iridu jghaddu minnhom.

## X'inhu l-ghan taghna?

L-ghan tan-network huwa li niggwidaw tfittxija wiesgha ghall-fatturi geneteci u fatturi ohra li jikkontribwixxu ghall-IBS. Minhabba il-kumplessita' tal-IBS, dan l-ghan ambizzjuz jista' biss jigi milqugh permezz ta' analizi ta' hafna pazjenti u jintuzaw regoli stretti u definiti biex nizguraw li nistghu nikkumparaw akkuratament il-kampjuni u l-informazzjoni migbura fil-hafna postijiet involuti f'din il-kollaborazzjoni ta' 21 pajjiz. Ir-rizultati ta' dan il-grupp se jtejbu kollaborazzjonijiet internazzjonali biex jikxfu il-mekkanizmi tal-IBS u probabbilment izidu l-potenzjal ghal testijiet djanjostici ahjar u ghazliet ahjar ta' trattamenti.

## Kif tista' tghin inti?

Jekk inti interessat jew interessata li tippartecipa biex tinkorraggixi l-ghanijiet tal-inizjattiva taghna jekk joghgbok ikkuntattja il-Kap ta' din il-kollaborazzjoni fuq genieur@yahoo.de

**Tista' ssib iktar informazzjoni fuq il-websajt taghna** www.GENIEUR.eu

© Illustrations from Fotolia and Opencliparts